MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2011

Numru. 1074/2005

**PULIZIJA**
**SPETTUR RAYMOND AQUILINA**
**VS**
**EMANUEL AGIUS**

Il- Qorti

Rat l-imputazzjoniet migjuba kontra Emanuel Agius ta' 28 sena, iben John u Lucia xebba Cassar, imwieled Pieta' fid-19 ta' Dicembru 1976, residenti "Agius" Triq ic-Cimiterju, Paola u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 83377(M);

Illi huwa akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-11 ta' Mejju 2005, u fix-xhur ta' qabel din id-data, meta b'diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. b’eghmil zieni, ikkorrompa lil *Omissis A* ta’ *omissis*-il sena persuna ta’ taht l-eta’;
2. u aktar talli fl-istess zminijiet, lok, u cirkostanzi, bla ordni skond il-Ligi ta’ awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li gihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmija minuri *Omissis A* kontra l-volonta’ taghha, u dan bhala mezz biex imsemmija minuri tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;
3. offenda l-pudur jew il-morali, b’eghmil li sar f’lok pubbliku, jew f’lok espost ghall-pubbliku;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol.203) fejn il-Qorti tista’ ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal datat 11 ta’ October 2007 fejn l-imputat ma ghandux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 3 ta’ April, 2009;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ l-imputat datat 19 ta’ Mejju 2009;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda ta' l-Ispettur Raymond Aquilina (a fol.7 et seq.) jirrizulta li fil-11 ta' Mejju 2005, il-genituri ta' *Omissis A* kienu rregistraw rapport l-ghassa tal-Pulizija rigward korruzzjoni ta' binthom minorenni, da parti ta' certu Emanuel Agius mir-Rahal Gdid. Il-genituri ta' *Omissis A* nfurmaw lil Pulizija li huma ndunaw b'dak li kien qed jigri meta hadu l-*mobile* tat-tifla taghhom u raw xi *chats* fuq il-*computer* taghha. L-Ispettur Raymond Aquilina xehed illi l-genituri ta' din il-minuri kienu kkonfiskawla l-*mobile* u ma hallewiex ticcatja iktar fuq il-*mobile,* izda wara ftit indunaw li t-tifla kellha *mobile* iehor u li dan, Emanuel, kien qed jerga' jaghmel kuntatt maghha. Il-minuri qalet lil Pulizija illi hija kienet bdiet tikkomunika, permezz tal-*computer*, ma' dan Emanuel f'Dicembru 2004, permezz ta' programm MIRC u li saret taf illi kellu xi tmienja u ghoxrin (28) sena, li kien joqghod Rahal Gdid u li kien *"warden"*; li bejn Marzu u April tat-2005 kienet iltaqghet mieghu, fejn dan Emanuel kien biesha fuq xufftejha.

F'okkazzjoni ohra, *Omissis A* kienet iltaqghet ma' Emanuel, waqt li suppost kienet l-iskola u Emanuel kien hadha *omissis*, fejn kien missilha sidirha b'idejh u halqu, nezzalha l-qalziet ta' taht u baghbas il-parti privata taghha. Il-minuri nfurmat lil Pulizija li fl-20 ta' April 2005, il-genituri taghha sabu messagg indecenti fuq il-*computer* taghha u ma hallewiex terga' tuza l-*computer*. Wara dan kienet iltaqghet ma' Emanuel li kien taha *mobile* iehor u allura kien ghad baqa' l-kuntatt li permezz ta' dan it-tieni *mobile* li fuqu wkoll kien hemm irregistrat messaggi ndecenti li jidhru a fol.8 tal-process. Il-minuri spjegat lil Pulizija li dan Emanuel kellu Ford Escort u li l-ewwel tlett ittri tan-numru tar-registrazzjoni kienu 'LAN'.

Peress illi *Omissis A* kellha terga' tiltaqa' ma' dan Emanuel sabiex troddlu lura l-*mobile*, il-Pulizija segwietha u gie arrestat l-imputat. L-imputat Emanuel Agius ipprova jahrab minn fuq il-post izda PS 225 kien pront hadlu c-cavvetta tal-karozza u ma halliehx jitlaq. Kien hemm ukoll argumenti bejn il-genituri ta' *Omissis A* u ta' l-imputat, izda Emanuel Agius ma xtaqx imexxi kontra l-genituri ta' *Omissis A*. Il-Pulizija elevat il-*computer* ta' l-imputat u dan

gie mghoddi lis-Superintendent Paul Caruana tas-Cyber Crime Unit.

Fit-12 ta’ Mejju 2005, Emanuel Agius irrilaxxa stqarrija, fejn l-imputat ammetta dak kollu illi qalet il-minuri *Omissis A*. Ikkonferma li kien jaf li kellha *omissis* (*omissis*)-il sena, stat ta’ fatt illi kien nebhu bih, missier *Omissis A*, u xorta baqa’ jiltaqa’ mal-minuri. L-imputat ikkonferma li l-karozza tieghu Ford Escort kellha numru tar-regsitrazzjoni LAN 976. L-istqarrija giet ezebita bhala Dok.RA li tinsab minn fol.11 sa fol.14).

Certifikat tat-twelid ta’ *Omissis A* jinsab ezebit a fol.15 tal-process.

*Omissis O*, omm il-minuri *Omissis A*, ikkonfermat illi bintha kellha *omissis* (*omissis*)-il sena. *Omissis O* xehedet li fit-12 ta’ April 2005, hija kienet ghamlet rapport fl-ghassa tal-Pulizija kontra certu Emanuel Agius. Hija kkonfermat li kienet intebhet b’dana kollu li kien qed jigri mil-lingwagg vulgari li *Omissis A* kienet qed tircievi fuq il-*computer* u fuq il-*mobile phone*. *Omissis O* xehedet dwar il-mizuri li kienu hadu biex jaccertaw li dana kollu jieqaf.

Fis-6 ta’ Mejju, il-genituri ta’ *Omissis A*, sabulha *mobile* iehor u *Omissis A* kkonfessat illi dan kien tahulha wkoll l-istess Emanuel. *Omissis O* kkonfermat illi dan Emanuel kien gabar lil bintha meta suppost kienet qeghedha l-iskola u hadha mieghu. *Omissis O* kkonfermat bil-manjiera ta’ kif il-Pulizija qabdu lill-imputat. Hija qalet li sussegwentement hija hadet lit-tifla taghha ghand il-Ginekologu Dr. Ray Galea u ezebiet Dok.MCS

Spettur Paul Caruana ezebixxa Dok.PC1 (a fol.26 et seq.) li fih jikkontjeni c-*chats* li jghatu deskrizzjoni – anka ftahir ta’ dak illi l-imputat ghamel ma’ tifla ta’ *omissis* (*omissis*)-il sena (ara fol.41). F’*chat session* ohra mill-5 sa l-10 ta’ Mejju, l-imputat jibda’ juri x-xewqa tieghu li jmur ma’ tifla ta’ *omissis* (*omissis*)-il sena f’fond li kien jappartjeni lil missieru, f’Selmun. Aktar tard jghid illi kien ta *mobile* lil din it-tifla ta’ *omissis* (*omissis*)-il sena il-ghaliex il-*mobile* taghha kien hadulha missierha. F’*chat* partikolari mit-30

ta' April sa l-1 ta' Mejju, xi hadd kien qed jiprova jikkomunika ma' Emanuel Agius, imbaghad ftit wara, persuni b'*nickname* '*omissis*', avzatu:

*"Isma ghoqod attent ghax sabuli l-mobile, qabduni l-genituri bil-mobile tieghi, ha jkellmuk ghax ommi qalet li marret taghmel rapport lil Pulizija."* (ara a fol.22)

Superintendent Caruana ta dettalji ta' *chat session* ohra bejn l-imputat u *Omissis A*, cioe bejn *'omissis'* u *'omissis'*.

In kontro ezami, Superintendent Paul Caruana xehed illi l-analizi fuq il-*computer* ta' *Omissis A* kienet fin-negattiv.

PC 225 Joseph Filletti kkonferma li fuq istruzzjonijiet ta' l-Ispettur Raymond Aquilina u flimkien ma' WPC 64 Cauchi u WPC 25 Camilleri, wara informazzjoni li l-imputat Emanuel Agius kien ser jiltaqa' ma' *Omissis A* hdejn il-gnien ta' *omissis* fi *omissis*, huma accedu fuq il-post u, minn hemm, arrestaw lill-istess Agius. Emanuel Agius ipprova jistartja l-vettura biex jahrab minn fuq il-post, izda PC 225 Filletti raznu, li f'dak il-hin gew il-genituri ta' *Omissis A* u bdew jilletikaw ma' Agius. Il-Pulizija rnexxielhom jikkalmaw is-sitwazzjoni u l-imputat gie arrestat u mehud id-depot. PC 225 Filletti kkonferma l-istqarrija ta' l-imputat.

*Omissis A* ta' *omissis* (*omissis*)-il sena (a fol.133) ikkonfermat illi hija kienet tuza *chatting program* u cioe 'MIRC'. Illi hija bdiet titkellem ma' habibha taghha *Omissis B* li hajritha tibda ticcettja ma' Emanuel Agius u hekk ghamlet. Emanuel Agius qalilha biex jiltaqaw u dana wara xi xahar illi kienu ghamlu jiccattjaw ta' kuljum. *Omissis A* xehedet illi qabel ma ltaqghet ma' l-imputat, hija kienet saret taf li huwa kien *warden,* li kellu tmienja u ghoxrin (28) u li kien ihobb il-karozzi. Iltaqghu l-ewwel darba fil-gnien ta' *omissis* u qaghadu jparlaw u ma gara xejn. Regghu ltaqghu wara gimgha, fl-istess gnien; u regghu ltaqghu is-sibt ta' wara u f'din l-okkazzjoni Emanuel rikkeb lil *Omissis A* fil-karozza tieghu, fejn imbaghad mess il-parti taghha minn taht il-hwejjeg.

Mitlubha tghid ezattament x’gara, il-minuri xehedet illi Emanuel Agius messha b’subajh fil-parti genitali taghha, *“beda jnixxili”* (ara a fol.136). Kienu regghu ltaqghu ghar-raba’ darba fejn Emanuel Agius kien gabarha mill-iskola u hadha Bahar ic-Caghaq, *“…rega dahhal subajh insomma fil-parti privata,”* u cioe fil-*vagina* taghha. *Omissis A* xehedet illi Emanuel Agius kien ukoll jikkomunika maghha permezz tal-*mobile*. Illi l-*mobile* taghha, b’marka *Samsung E700* gie sekwestrat mill-genituri taghha meta saru jafu b’din l-affari u sussegwentement Emanuel Agius kien gabilha *mobile* iehor tal-marka *Panasonic* u kkonfermat il-*mobile,* Dok.RA2, bhala dak illi kien taghha waqt illi l-*mobile* Dok.RA3 kien il-*Panasonic* li kien taha Emanuel Agius.

*Omissis A* xehedet fuq it-tip ta’ messaggi illi kienet tircievi minghand Emanuel Agius (a fol.138). A fol.139, ikkonfermat illi Emanuel Agius kien missilha sidirha b’halqu u ghamel l-istess bil-parti genitali taghha. Ikkonfermat illi c-*chat code* taghha fuq il-programm ‘MIRC’ kien “*omissis*”. *Omissis A* xehedet li, darba minnhom, qabel ma l-*mobile* taghha kien gie mehud mill-genituri taghha, kienet uzat *mobile* ta’ tifel iehor u Emanuel Agius kien baghatilha messagg fuq dan in-numru u dan it-tifel kien wera l-messagg ta’ Emanuel Agius lil missierha. Minn hemmhekk, il-genituri waqqfulha l-access ghall-*computer* u ghal *mobile*. A fol.143 il-minuri xehedet illi minkejja l-mizuri dixxiplinari tal-genituri biex iwaqqfu r-relazzjoni bejnha u Emanuel Agius, hija xorta baqghet ticcettja u tiltaqa’ mieghu.

WPC 64 Connie Cauchi (a fol.149) ikkonfermat illi hija hadet l-istqarrija ta’ *Omissis A* fil-prezenza ta’ ommha, fejn il-minuri kienet irrakkontat li kienet bdiet ticcettja fuq il-*computer* ma’ certu Emanuel li ltaqghet mieghu xi tlett (3) darbiet li kien messa tlett (3) darbiet b’idejh.

*Omissis M* kkonferma r-rapport u l-interventi tieghu biex jipprova jwaqqaf ir-relazzjoni li t-tifla minuri tieghu, *Omissis A*, kienet qabdet ma’ certu Emanuel u dak kollu

illi ghamel hu sakhemm wassal biex kien kostrett jaghmel rapport fl-Ghassa tal-Pulizija.

Dr. Raymond Galea kkonferma c-certifikat (a fol.20) li rrilaxxa, li *Omissis A* kienet qaltlu dak kollu li kien gara u cioe li giet immolestata sesswalment izda ma kienx hemm penetrazzjoni mill-organu genitali maskili.

Martin Bajada (a fol.166) ezebixxa relazzjoni tieghu (Dok.MB).

A fol.195, Martin Bajada kien ghadu ma spletax l-inkarigu u a fol.198, informa lil Qorti illi l-*mobile* kien fih il-hsara u li l-informazzjoni ma setghatx tigi rregistrata.

L-imputat Emanuel Agius ghazel li ma jixhidx.

Dr. Bernard Caruana (a fol.205) xehed li nvista lil Emanuel Agius f'Marzu 2006 u ghamillu *a cognative test* li stabilixxa l-imputat li kellu *below average intelligence*. Dr. Caruana spjega li dan ifisser li hemm certu limitazzjonijiet u ma jifhimx dak illi jissejjah *social interactions* u cioe r-regoli jew ahjar, "*the unwritten rules of everyday behaviour."* Xehed illi l-imputat kien maghluq ghalih innifsu u ma kellux hbieb. Illi ta' xi sebgha u ghoxrin (27)-il sena, l-imputat skopra l-*internet* u din kienet l-uniku zvog ta' komunikazzjoni ma' terzi. Dr. Caruana xehed illi l-imputat kellu *inferiority complex*, li kien jenhtieg operazzjoni ta' cirkoncizjoni, pero' beda jibza' jaghmilha ghaliex kellu *phobia* mill-isptarijiet, b'rizultat li huwa ma jistghax ikollu att sesswali ma' persuni tas-sess oppost. Dr. Caruana xehed illi Emanuel Agius jibbenefika minn Probation Officer jew Psikologu. Huwa sostna li bil-kundizzjoni tieghu, sentenza ta' prigunerija, tkun ta' pregudizzju kbir ghall-imputat.

Dr. Bernard Caruana, fit-tieni xhieda tieghu, ikkonferma dokument BC u ta spjegazzjoni tal-*cognative tests* li huwa ghamel fuq l-imputat Emanuel Agius u rrakkomanda li Emanuel Agius kellu bzonn certu terapija li tikkonsisti fi *group therapy* u terapija ma' professjonist *"one-to-one."*

Ikkunsidrat:

Illi mill-assiem tal-provi, ma hemm dubju ta' xejn illi Emanuel Agius, fil-fatt, qabad relazzjoni fuq l-*internet* ma' minuri *Omissis A* ta' *omissis* (*omissis*)-il sena u spicca biex iltaqa' f'diversi okkazzjonijiet u matul dawn l-okkazzjonijiet huwa mess is-sider u l-parti genitali tal-minuri *Omissis A*. Dana huwa kkonfermat pjenament, mix-xhieda ta' l-istess minuri, mir-rizultanzi tac-*chat logs* li jidhru fir-rapport Dok.PC1, ezebit mis-Superintendent Paul Caruana, u huwa ammess pjenament, fl-istqarrija ta' l-istess imputat (a fol.13) u dana apparti x-xhieda tal-genituri tal-minuri *Omissis A*, il-manjiera illi biha waslu biex qabdu lil Emanuel Agius u rrapurtaw dana kollu lil Pulizija.

L-imputat huwa mixli ai termini ta' l-Artikolu 203 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"**203.** (1) Whosoever, by lewd acts, defiles a minor of either*
*sex, shall, on conviction, be liable to imprisonment for a term not*
*exceeding three years, with or without solitary confinement:*
*Aggravating circumstances.*
*Provided that the offence shall be punishable with*
*imprisonment for a term from three to six years, with or without*
*solitary confinement, in each of the following cases:*
*(a) if the offence is committed on a person who has not*
*completed the age of twelve years, or with violence;*
*(b) if the offence is committed by means of threats or deceit;*
*(c) if the offence is committed by any ascendant by*
*consanguinity or affinity, or by the adoptive father or*
*mother, or by the tutor of the minor, or by any other*
*person charged, even though temporarily, with the*
*care, education, instruction, control or custody of the*
*minor."*

Fis-sentenza **Pulizija vs. Thomas Wiffen,** deciza 8 ta' Jannar 1996 per Onor. Prim Imhallef Dr. Vincent De Gaetano gie ritenut:

*"For the completed offence and apart from the formal element of the offence, there must me the lewd act (atto di libidine) and the actual defilment. The lewd act may be committed either on the person of or in the presence of the minor. All acts which either of their very nature, or of the circumstances in which they are performed, are directed to the indulgence of the sexual apetite either of the agent or of the victom and are capable of arousing the sexual interest of the victim, or lewd act for the purpose of the offence in question…*

*As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known specific instrument, but it is something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or Judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts."*

Imbaghad fis-sentenza **Pulizija versus Andrew Bonnici**, deciza fit-23 ta' Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

*'Tifel ta' appena tlettax-il sena li jigi espost ghall-eghmil li jaghmel l-appellant, kemm fuqu nnifsu, kif ukoll fuq il-persuna tal-istess tifel, ma jistax ma jigix korrott anke jekk forsi dak it-tifel ikun diga' jaf certi fatti tal-hajja, jew ikollu xi esperjenza sesswali. Altru esperjenza sesswali fil-kors normali tal-izvilupp fizjologiku ta' dak li jkun, u altru impozizzjoni ta' sitwazzjonijiet determinati minn eghmil zieni, li manifestament jipproducu lezjoni f'integrita' morali tal-minorenni.'*

Illi ma hemm dubju ta' xejn li l-bews ta' sider tal-minuri, da parti ta' l-imputat, u l-mess tal-parti genitali tal-minuri, da parti ta' l-istess imputat, jikkonsistu f'atti di libidine jew *lewd acts* ai termini ta' l-Artikolu 203 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn il-*lewd acts* huma kapaci illi jikkorrompu tifla ta' *omissis* (*omissis*)-il sena.

Illi, fil-kaz in ezami, *Omissis A*, kienet inkoraggiet l-avvanzi ta' Emanuel Agius u ghamlet hilitha biex tiskapricca l-ordnijiet u l-mizuri dixxiplinarji li hadu l-genituri taghha, fl-isforzi ammirevoli taghhom, biex jisseveraw din ir-relazzjoni xejn salutari. Illi, minkejja li l-genituri taghha waqfulha l-*computer* u hadulha l-*mobile, Omissis A* xorta rnexxielha tiltaqa' ma' Agius li taha *mobile* iehor u r-relazzjoni baqet issehh ghal kwazi xahar ulterjuri.

L-imputat gie akkuzat b'sekwestru tal-persuna a tenut ta' l-Artikolu 86 u 87 (1)(g) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Skond l-insenjament tal-Qorti Kriminali fil-kawza **Police vs. Dennis Pandolfino et.** (Per Imhallef Dr. Joseph Galea Debono) deciza fid-19 ta' Ottubru 2006 meta s-sekwestru jew l-arrest ta' persuna jkun il-mezz sabiex jitwettaq ir-reat ta' stupru, korruzzjoni ta' minorenni jew attentat vjolenti fuq il-pudur, htija fuq reat ta' sekwestru ma tistax treggi fil-konfront ta' imputati:

***"Illi mistoqsija in kontro-ezami fuq liema provi l-Pulizija kienet ibbazat l-akkuza ta' sekwestru tal-persuna, l-Ispettur Louise Calleja kienet irrispondiet li din l-akkuza kienet bazata fuq il-fatt li l-akkuzati kienu jitilghu fuq it-tfal biex jaghmlu l-atti sesswali fuq deskritti.***

***Pero' fil-fehma ta' din il-Qorti, dan il-fatt se mai, hu ingredjent jew element tal-akkuza ta' stupru vjolent dedotta fl-Ewwel u fir-Raba' Kapi jew dik ta' korruzzjoni ta' minorenni kontenut fit-Tieni u l-Hames Kapi kontra l-akkuzati rispettivi u ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru per se. Kieku kien hekk, kull att sesswali anki bejn "consenting adults" taz-zewg sessi***

***kien ikun jammonta ghal reat ta' sekwestru ghax hu risaput li f'hafna kazi l-att sesswali f'certi aspetti tieghu jimplika certu immobilizzar ta' persuna minn persuna ohra.***

***Umbaghad il-fatt li waqt li jkun qed isir att sesswali, persuna taghalaq il-bieb fejn tkun u anki ssakkru minn gewwa biex ma jidhol hadd fuqha w fuq il-persuna jew persuni ohra li jkunu mieghu, per se zgur li ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru."***

Illi ghalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti illi din l-akkuza fil-konfront ta' l-imputat ma tissussistix stante li l-agir ta' l-imputat kien, semplicement, mezz sabiex jitwettaq l-ewwel reat li bih jintsab mixli.

Tenut kont, li l-Qorti sabet htija fl-imputat ghal rigward ta' l-ewwel (1) akkuza, it-tielet (3) akkuza ma treggix.

Il-Qorti kkonsidrat, fil-fond, ix-xhieda fid-dettal ta' Dr. Bernard Caruana u hija tal-fehema illi r-rakkomandazzjonijiet tieghu ghandhom jigu segwiti.

Illi ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-imputat **Emanuel Agius** hati ta' l-ewwel (1) akkuza, mhux hati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) akkuza, li minnhom tilliberah, u wara li rat Artikoli 18, 203, 28A u 28G tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, **tikkundanna lill-imputat ghal sena prigunerija sospiza ghal sentejn.**

In oltre', tqieghedu taht Supervision Suspended Order taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat, ghal perijodu ta' sentejn.

Illi, in oltre', l-Qorti tqieghed lill-imputat taht Treatement Order, taht il-psikologu Dr.Bernard Caruana ghal perijodu ta' sentejn, b'dana li l-imputat ghandu jattendi almenu *session* ta' terapija ta' mhux anqas minn darba fix-xahar, liema *Treatement Plan* qed tithalla f'idejn l-istess

psikologu Dr. Bernard Caruana, li ghandu jirraporta fuq il-progress o meno ta’ l-imputat kull sitt (6) xhur.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti spece tal-kaz, inkluz l-eta’ ta’ l-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu, u l-fatt li fl-ambitu ta’ atti di libidine, l-azzjonijiet ta’ l-imputat ma kienux mill-aktar gravi.

Il-Qorti tordna kopja ta’ din is-sentenza li tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation Services u ohra lil psikologu Dr. Bernard Caruana

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------